

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġġent)

Parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza: Ceramicalcora, SA (Alcora, Spanja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-30 ta' Jannar 2008 (Każ R 1609/2006-4) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Ceramicalcora, SA u Gres La Sagra, SL.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Gres La Sagra, SL hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 116, 9.5.2008.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-29 ta' Settembru 2009 — The Smiley Company vs UASI (Xbiha tan-nofs ta' tbissima ta' smiley)

(Kawża T-139/08) (¹)

("Trade mark Komunitarja — Reġistrazzjoni internazzjonali li tinnomina lill-Komunità Ewropea — Trade mark figurattiva li tirrappreżenta n-nofs ta' tbissima ta' smiley — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 146(1) u Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li saru l-Artikolu 151(1) u l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]"')

(2009/C 267/112)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: The Smiley Company SPRL (Brussels, il-Belgju) (rapprezentant: A. Deutsch, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tas-7 ta' Frar 2008 (R 958/2007-4) dwar ir-reġistrazzjoni internazzjonali li tinnomina lill-Komunità Ewropea għat-trade mark figurattiva li tirrappreżenta n-nofs ta' tbissima ta' smiley.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) The Smiley Company SPRL hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk marbuta mas-sostituzzjoni tagħha ma' Franklin Loufrani.

(¹) ĠU C 142, 7.6.2008.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-16 ta' Settembru 2009 — Boudova et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-271/08 P) (¹)

("Appell — Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Ex membri tal-persunal temporanju — Ħatra — Klassifikazzjoni fil-grad — Kompetizzjonijiet ppubblikati qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġoddha — Klassifikazzjoni mill-ġdid minn istituzzjoni oħra tal-uffiċċjali tagħha — Rifjut ta' klasifikazzjoni mill-ġdid — Princípjju ta' trattament ugwali — Rikors għal annullament — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Att konfermattiv — Nuqqas ta' fatti ġodda u sostanzjali — Nuqqas ta' żball skużabbi — Inammissibbiltà")

(2009/C 267/113)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Stanislava Boudova (Howald, il-Lussemburgo); Iveta Adovica (Lussemburgo, il-Lussemburgo); Juraj Kuba (Konz, il-Ġermanja); Heinrihs Pucirius (il-Lussemburgo); Agnieszka Strzelecka (Arlon, il-Belġju); Izabela Szyprowska (Berbourg, il-Lussemburgo); Timea Tibai (il-Lussemburgo); u Birute Vaitulevičiene (il-Lussemburgo) (rappreżentant: M.-A. Lucas, avukat)

Appellata: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u G. Berscheid, aġġenti)

Suġġett

Appell mid-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tal-21 ta' April 2008, Boudova et vs Il-Kummissjoni (F-78/07, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), u intiż għall-annullament ta' dan il-digriet.

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Stanislava Boudova, Iveta Adovica, Juraj Kuba, Heinrihs Pucirius, Agnieszka Strzelecka, Izabela Szyprowska, Timea Tibai u Birute Vaitulevičiene għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni f'din l-istanza.

(¹) ĠU C 260, 11.10.2008.